MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2007

Numru 1034/2006

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Janice Zammit, bint Carmelo, imwielda Pieta' fis-7 ta' ġunju, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata li fit-13 ta' novembru, 2003 u fix-xhur ta' wara din id-data xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' jannar, 2007 fejn il-partijiet qablu li l-valur tal-'mobile' misruq huwa ta' anqas minn Lm100.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' jannar, 2007 fejn l-imputata ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 284, 285 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni fl-ewwel seduta ta' din il-kawża. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------